ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 02** **L-ERBGĦA, 5 TA' AWWISSU 2019**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar It-Tnejn, 5 t'Awwissu 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Renald Falzon (Sindku), Josef Masini Vento (Viċi Sindku), Jerome Caruana Cilia (Kunsillier), Ralph Puli (Kunsillier), Donnha Barbara (Kunsillier), Charlie Cuschieri (Kunsillier), Daniel Ablett (Kunsillier), George Muscat (Kunsillier), Marvin Zammit (Kunsillier), Sean Apap Meli (Kunsillier), Martina Grech (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**02/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**02/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** nfurmat li ma kellna l-ebda talba ta' apoloġija.

**02/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 01**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 01 li nżammet nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier (11**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**02/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**02/03/01** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma lill-membri li jinsab għaddej b'taħdidiet ma' Infrastructure Malta dwar tisbiħ tar-roundabout ta' Pinto, wara li din ir-roundabout kienet iċċeknet minħabba l-proġett ta' Triq Manwel Dimech. Is-Sindku nfurma li ġie ppreżentat proġett lill-Awtorita', ta kif il-Kunsill jixtieq li jsir dan il-proġett.

Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

**02/03/02** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett Ewropew ta' Ġnien is-Sajf, fejn wara konsultazzjoni mar-residenti, talab li jkun hemm xi tibdil, fejn fost oħrajn se jkun qed jiġi mnehdi proġett pilota ta' irrigation system.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nqalgħet *issue* mal-Bank of Valletta fejn qed jesiġu li s-Segretarju Eżekuttiv tkun bħala Politicially Exposed Persons u wara direzzjoni mid-Dipartimet għall-Gvern Lokali, l-Kunsill ġie suġġeriet li jiftaħ kontijiet ġodda ma' Bank lokali ieħor. Is-Sindku nfurma li qed isiru diskussjonijiet mal-APS Bank, li l-Kunsill diġa għandu kontijiet mitfuħa miegħu sabiex jinfetħu kontijiet ġodda.

**Il-Kunsill** approva din il-proposta unanimament.

**02/04 MOZZJONIJIET**

**02/04/01 MOZZJONI NRU 1/2019 (VIII) imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Nipproponi li jibdew jiġu organizzati attivitajiet għall-anzjani, liema attivitajiet ikunu fuq sfond soċjo-kultura, sabiex jkunu konxji dwar il-kultura tal-lokalita' u kif ukoll tkun attivita' ta' divertiment.

L-attivita’ tkun tinkorpora dan li ġej:

L-anzjani jattendu post ta’ identita tal-lokalita’ u jkunu mgħarrfa dwar l-identita’ tal-lokal. Jekk ikun possibli minħabba viċinanzi li l-anzjani ssirilhom ukoll quddiesa fil-lokalita’.

Barra minnhekk l-attivita’ tkun tinkorpora tipo ta’ *afternoon tea* u kif ukoll xi logħob.

Il-programm tal-lokalitajiet huma dawn:

| | |
|---|---|
| Awissu: | Ta’ Pinu l-Gharb |
| Settembru: | Ħaz-Zabbar |
| Ottubru: | Rabat (Malta) |
| Novembru: | Kalkara |
| Diċembru: | Għajnsielem (Għawdex) |
| Jannar: | Ħad-Dingli |
| Frar: | Marsaxlokk |
| Marzu: | Birgu |
| April: | Hal Gharghur |
| Mejju: | Ta' Sannat (Għawdex) |

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento** ssekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsilier Ralph Puli** staqsa jekk dawn l-attivitjiet hux se jkunu *self sufficien*t. Il-Kunsillier Sean Apap Meli kkonferma li dawn l-attivitajiet se jkunu *self sufficient*.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 01/2019 (VIII)

**<u>MOZZJONI NRU 2/2019 (VIII) mressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara</u>**

**02/04/02**

*Nipproponi li sir laqgħa mas-Sur Michael Owen li huwa wieħed mill-persuni responsabbli għall-Malta Pride li ser issir bejn 6 u l-15 ta' Settembru, sabiex niddiskutu xi proġetti żgħar li jistgħu isiru fil-lokalita', sabiex il-Kunsill juri l-appoġġ għal persuni LGBIQ, bħal; pittura tal-bankijiet u tal-zebra crossing.*

*Barra minhekk jista' wkoll isir;*

- *Ktejjeb ta 'informazzjoni għaż-żgħażagħ LTGIQ u l-ġenituri tagħhom*
- *Norganizaw sessjoni ta 'taħriġ għar-residenti jew anke niftħuha għal pubbliku ġenerali*

*Nistgħu nagħmlu tip ta' posters għall-għarfien.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 02/2019 (VIII)

**02/04/03** **<u>Mozzjoni Nru 3/2019 (VIII) imressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara</u>**

*Nipproponi li l-Kunsill jipparteċipa fl-iSkema mnehdija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali 'Clean up the Worlds 2019' billi norganizzaw numru ta' ġranet ta' tindif madwar il-lokalita' mill-inqas darba kull 6 xhur, billi jiġu identifikati zoni li jkunu fil-mira għar-rimi ta' skart u jsir tindif b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tat-tindif.*

*Din l-attivita' tista' ssir bis-sehem tal-għaqdiet lokali li għandna fil-lokalita'.*

*Nipproponi li nibdew nagħmlu tip ta' branding bħal # .... li tagħtina għall-midja soċjali.*

*Nipproponi li l-Kunsill jagħmel tabelli u sinjali nformattivi sabiex inqajmu kuxjenza fost ir-residenti sabiex ma jibqgħux joħorġu l-iskart barra matul kull ħin tal-ġurnata. Dawn is-sinjali għadhom isiru kemm bil-malti kif ukoll bl-inġliż.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 03/2019 (VIII).

**02/04/04 Mozzjoni Nru 4/2019 (VIII) imressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara**

Nipproponi li l-Kunsill joħloq kampanja edukattiva dwar l-immaniġġjar tal-Iskart billi;

L-udjenza fil-mira prinċipali se tkun billi tibda bit-tfal f' iskola tal- primarja.

Punti :

- Jsir disinn ta Karattru.
- Storja biex nirelataw il-karattru ma l-iskart.
- Irriċikla l-materjal (Naqdu, l-skart organiku u l- iskart riciklat)
- Filmat qasir l-impatt tal-iskart

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento ssekonda l-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 04/2019 (VIII).

**02/04/05 Mozzjoni Nru 5/2019 (VIII) mill-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento**

Billi Ħal Qormi hija Belt kbira u għandha ħafna periferji u għandha poplazzjoni li kull ma jmur qiegħdha dejjem tikber fl-eta'.

Billi aħna bħala soċjetà kommessi li rridu li l-anzjani tagħna jibqgħu aktar attivi u jkunu ndipendenti.

Billi huwa l-għan tagħna li ħadd mil-popolazzjoni tagħna ma' jaqa lura u kommessi li ħadd ma jispiċċa fl-eskluzjoni soċjali speċjalment minn nuqqas ta' accessibilita'.

Billi diġa għal dawn l-aħħar xhur f'diversi lokalitajiet ta' Pajjiżna qed jiġi offrut is-servizz Silver T jew kif aħjar magħruf bħala it-Tuk-Tuk, u dan sabiex il-poplu jiġi moqdi u fl-istess waqt u ħin jibqa attiv u indipendenti.

Għaldaqstant qed nipproponi li l-Kunisll Lokali ta' Ħal Qormi, jressaq talba quddiem il-Gvern Ċentrali u l-Ministeru kompetenti u lill-Awtoritajiet kompetenti, u dan sabiex mill-aktar fis jibda s-servizz hawn fuq imsemmi, bl-għan aħħari jkun illi jkolna socjetà aktar ġusta, ħanina u inklussiva.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli ssekonda l-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier** (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota

kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 05/2019 (VIII).

**02/04/06 Mozzjoni Nru 06/2018 (VIII) imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

*Filwaqt li l-problema ta' nuqqas ta' spazji ta' parkeġġ tinstab f'diversi lokalitajiet, ir-residenti tal-Belt Pinto (Ħal Qormi) ikollhom jiffaċċjaw din l-isfida ta' kuljum.*

*F'dawn l-aħħar snin, is-sitwazzjoni tal-parkeġġ f'Ħal Qormi kompliet tmur għall-agħar u qed tkun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti minħabba diversi fatturi.*

*Minħabba li bħala Kunsill Lokali kommessi li naraw li l-Qriema jgħixu ħajja ta' kwalità aħjar.*

*Minħabba li Ħal Qormi jintalqat bil-bosta minn influss ta' karozzi ta' ħaddiema u klijenti li jżuru l-Belt Pinto ta' kuljum.*

*Minħabba li jeħtieġ pjan ħolistiku u fit-tul dwar l-immanniġġjar tat-traffiku u anke dwar l-isfida ta' nuqqas ta' spazji ta' parkeġġ f'Ħal Qormi.*

*Minħabba li l-fondi allokati għall-Kunsill Lokali huma limitati, nemmen li l-Gvern Ċentrali (u Transport Malta) jista' jagħmel ħafna aktar favur ir-residenti f'Ħal Qormi.*

*Għaldaqstant, qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali jitlob formalment lil Transport Malta u lill-Gvern Ċentrali sabiex:*

- *jitnieda studju dwar kif se tittaffa l-problema ta' nuqqas ta' spazji ta' parkeġġ f'Ħal Qormi.*
- *jitnieda studju speċifikament dwar l-iskema ta' parkeġġ riservat għar-residenti fil-Belt Pinto.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li jekk kemm-il darba Transport Malta taċċetta li tagħmel is-survey mitlub, l-ispiża għandha titħallas mill-Kunsill Lokali.

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento** ppropona li titressaq talba lir-Reġjun Nofsinhar sabiex isir Risk Assessment Traffic Impact Report.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li r-residential parking scheme m'għadhiex tiġi approvata minn Transport Malta, iżda tista' ssir talba għal Timed Parking Scheme.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier** (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 06/2019 (VIII).

**02/04/07 Mozzjoni Nru 7/2019 (VIII) imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi li l-Kunsill jidħol fi ftehim ma' kumpanija privata responsabbli mill-Marketing sabiex issir marketing campaign b'saħħitha, dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali.

Din il-marketing campaing tikkonsisti f'filmati relatati mal-ħidma tal-Kunsill, attivitajiet kulturali li jiġu organizzati f'Ħal Qormi, posts fuq facebook eċċ.

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 5,000 għal din l-inizzjattiva.

Il-Kunsillier Donnha Barbara ssekondat il-mozzjoni.

Il-Kunsillier Ralph Puli talab li l-Kunsill jiġbor kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier** (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 07/2019 (VIII).

**02/04/08 Mozzjoni Nru 8/2019 imressqa mressqa mill-Kunsillier Marvin Zammit**

Peress li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu għal qalbu l-interessi ta' persuni bi bżonnijiet speċjali kif ukoll residenti vulnerabli, qed nipproponu li jitwaqqaf sotto-kumitat għal-persuni bi bzonnijiet speċjali. Dan is-sotto-kumitat ikollu l-rwol li joħrog bi proposti prattiċi u suġġerimenti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċaw dawn il-persuni ġewwa Hal-Qormi. Dan is-sotto kumitat ser ikun iffurmat minn dawn il-membri:

- Is-sur Joseph Saliba
- Is-sa Mary Lourdes Grech
- Is-sur Gaetano Vella
- Is-sur Andre Cassar

Il-membri tal-kunsill huwa imħegga iressqu peruni li għandom interess jew jistu' jgħatu kontribut f'dan il-qasam sabiex jingħaqdu ma dawn il-membri. Is-sotto kumitat ma għandux ikun anqas minn tliet membri u mhux aktar minn disa'.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier** (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 08/2019 (VIII).

**02/04/09** **Mozzjoni Nru 9 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

*Minħabba li bħala Kunsill Lokali kommessi li naraw Ħal Qormi aktar sigur.*

*Minħabba li bħala Kunsill Lokali kommessi li naraw lir-residenti jgħixu aktar b'moħħhom mistrieħ.*

*Il-Kunsill Lokali jeħtieġ li jisma' l-karba ta' bosta residenti li jixtiequ li huma u t-tfal tagħna jgħixu ħajja ta' kwalità aħjar.*

*Bħala membri eletti f'isem ir-residenti Qriema jeħtieġ li nkunu leħen sod għar-residenti kollha, speċjalment anzjani, li huma mħassba dwar is-sigurtà f'ċerti żoni u b'hekk iridu jgħixu aktar b'serħan il-moħħ.*

*Għaldaqstant, qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali, wara li jiddiskuti mar-Reġjun, il-Gvern Ċentrali u esperti fil-qasam,:*

- *jiżgura li fiż-żoni magħrufa għall-abbużi jitwaħħlu sistemi tas-CCTV ta' kwalità bil-għan li jonqsu l-abbużi u l-atti vandali,*
- *jagħmel aktar pressjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti biex tiżdied il-preżenza tal-pulizija fil-lokalità speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħaxija,*
- *jaħdem mal-awtoritajiet konċernati biex min jirraporta xi abbuż lill-awtoritajiet, ikun jista' jagħmel dan b'mod faċli u mingħajr kumplikazzjoni żejda.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ta' nformazzjoni dwar il-laqgħa li kellu mas-Sindku u l-Pulizija tad-Distrett.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier** (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 09/2019 (VIII).

**02/05 Skeda ta' Pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju .

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-iskedi.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju.

**02/06 Mistoqsijiet mill-Kunsillier Sean Apap Meli**

**02/06/01 Is-Sindku Renald Falzon** infurma li matul dan ix-xahar tal-bidu tal-leġislatura għadu ma ltaqax mal-kuntratturi.

**02/06/02 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk hemmx xi indikazzjonijiet meta se jibda' x-xogħol fi Triq il-Kanun.

**02/06/03 Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** infurma li jeħtieġ tindif b'mod urġenti tal-widien u rainwater culvert.

**02/07 Korrispondenza**

**02.07.01 Ittra ta' Riżenja mis-Sotto Kumitat tal-Infurzar Dr Sean Meli**

Ir-riżenja tal-kunsillier Apap Meli ma ġietx approvata mill-membri u ġie propost li s-Sur Apap Meli jkun il-liason officer bejn il-Pulizija u l-Kunsill Lokali.

**Korrispondenza mir-residenti ta' Triq il-Ħammieri**

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mar-residenti dwar din il-korrispondenza.

**Stima Perit William Lewis**

Il-Kunsill approva li l-istima tiġi mgħoddija għall-attenzjoni ta' Infrastructure

Malta.

02.07.02 **Pullicin Developers – Bini ta' bankina fi Triq il-Wied**

Il-Kunsill talab li nressqu din il-proposta għall-attenzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

02.07.03

**Ombudsman – Talba għal kumpens Nicholas Bennett**

Il-Kunsill tenna li din it-triq hija arterjali u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux
02.07.04 jaċċetta d-danni mitluba.

**Centerparc**

**Is-Sindku Renald Falzon** spjega li l-proposta taffettwa biss Triq it-Tiġrija.
02.07.05 Is-Sindku propona li niddiskutu mal-investituri sabiex għallinqas jagħti lura xi ħaġa l-lokalita'.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk din il-proposta hux se taffettwa l-vision tal-entratura tal-lokalita'.

02.07.06

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill diġa kien ressaq oġġezzjoni għal dan il-proġett.

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li hu kkonsulta mal-Perit tal-Kunsill li kkonferma li dan il-proġett mhux se jaffettwa l-entratura tal-lokalita'.

Għaldaqstant ġie maqbul li ssir laqgħa mal-investituri sabiex niddiskutu l-proposti.

**Korrispondenza – George Portelli**

Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sur Portelli.

02.07.07

02.08 **Ilmenti u Suġġerimenti**

02.08.01 **Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Ġdida, taħt il-kurduni li saru mill-Kunsill hemm it-tarmac imkiser u jeħtieġ li ssir manutenzjoni.

02.08.02 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab li ssir manutenzjoni b'mod urġenti tar-rainwater culvert fi Triq San Edwardu.

**02.08.03** **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ppropona li ssir talba għal bini ta' rainwater culvert fiz-zoni ta' Triq id-Dragun, sabiex jilqa' l-ilment tax-xita minn fuq.

**02.08.04** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li r-residenti ta' Triq il-Biegħa qed jitolbu rain water culvert. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dejjem kien oġġezzjoni mill-istess residenti li jsir dan ir-rainwater culvert.

**02.08.05** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa dwar l-iskart tat-takeaways. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-take-aways huma obbligati jqabbdu scammel privat, biex jiġbor l-iskart iġġenerat minnhom.

**02.08.06** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li Gnien l-Armier jinsab fi stat ta' telqa u jeħtieġ li jsir tindif b'mod urġenti.

**02.08.07** **Il-Kunsillier George Muscat** talab li jiżdiedu d-doggy bins fit-toroq tal-lokalita'.

**02.08.08** **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** nfurma li x-xahar ta' Ottubru huwa x-xahar li jagħlaq l-attivitajiet tal-Animal Welfare u għaldaqstant ippropona li tiġi organizzata attivita' relatata mal-annimali. Il-Kunsillier Cuschieri ppropona li jsir xi tip ta' tberik tal-annimali.

**02.08.09** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li qed isiru taħdidiet sabiex issir attivita' ma' SkolaSajf fejn qed jiġi propost li ssir SportsDay bejn iż-żewġ skejjel governattivi tal-lokalita'.

**02.08.10** **Il-Kunsilllier Carmel Cuschieri** ppropona li terġa' tiġi organizzata l-pet walk.

**02.08.11** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li ċ-ċint li jifred it-triq minn mal-wied qed iċedi.

**02.08.12** **Il-Kunsillier Ralph Puli** talab li ssir manutenzjoni tal-mina eżistenti bejn Ħal Qormi u Sta Venera.

## 02.09 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 2 ta' Settembru 2019 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum 2 ta' Settembru 2019.